MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 70/2005/2

**Lawrence Tabone f'ismu propju u bhala mandatarju ta' hutu
Joseph Tabone, Josephine mart Paul Baker,
u Angela mart Joseph Buttigieg;
Rose mart Anthony Von Brockdorff,
u Margaret mart Saviour Buttigieg.**

**v.**

**Raymond Tabone**

**Il-Qorti:**

1. B’verbal datat 15 ta’ Marzu 2010, dan l-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-seduta tal-lum.

2. Illi fil-kors tal-ezami tal-atti tal-kawza, din il-Qorti rrikontrat verbal in data tad-9 Dicembru, 2005 (ara fol 16 tal-process) kontenenti talba min-naha tal-attur proprio et nomine biex jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi (Citazzjoni numru 36/98), liema kawza giet deciza f’April 2004, (sic) fuq il-premessa “li f’dik il-kawza kienu ngabru l-parti l-kbira tal-provi li huma relevanti ghal din il-kawza”, liema talba giet akkordata mill-ewwel Qorti b’digriet moghti dakinhar stess “seduta stante”.

3. Fis-sentenza appellata, hemm anke accenn ghall-fatt li l-ewwel Qorti rat l-atti ta’ din il-kawza hekk deciza.

4. Illi minn ezami akkurat tal-atti, din il-Qorti skopriet *inter alia* li l-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi, fuq imsemmija, fil-fatt kienet giet deciza fl-ewwel istanza in data tad-29 ta’ April, 2004. Minnha gie interpost appell mill-konvenuti (l-atturi odjerni), liema appell kien gie deciz fis-26 ta’ Jannar, 2007.

5. L-appell imsemmi fil-paragrafu precedenti gie deciz minn din il-Qorti taht il-presidenza tal-Prim Imhallef Vincent De Gaetano kif ukoll bl-inkluzjoni tal-Imhallef Joseph A. Filletti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, u a skans ta’ komplikazzjonijiet li jistghu jinqalghu, din il-Qorti qabel ma tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza qeghda tordna lill-partijiet, sabiex jiddikjaraw qabel xejn:

(i) jekk ghandhomx oggezzjoni ghall-fatt li l-imsemmija zewg imhallfin qeghdin jiffurmaw parti mill-komposizzjoni ta’ din il-Qorti ghal fini tas-smigh ta’ dan l-appell; u

(ii) jekk dak li gie deciz fl-appell fil-kawza fl-ismijiet inversi jincidix direttament jew le fuq il-mertu u eventwali decizjoni tal-appell in dizamina bejn l-istess partijiet b’riferenza ghas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti li prima facie tidher li hija relatata mal-aspett procedurali tal-vertenza u mhux proprjament fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------